# Ħad-Dingli fit-Tieni Gwerra Dinjija (1940-1945)

## L-Ewwel Parti

**minn Joseph Farrugia Dip. Ed. G. (Reading) - is-Ser**



Kelli biss 10 snin se nagħlaqhom meta faqqgħet it-tieni gwerra dinjija. Jiena kont fi Standard 4 dak iż-żmien, illum tissejjaħ Year 5. Kienet il-klassi li minnha kont nista' nagħmel l-eżami għall-Lyceum. Iżda aktar kienu jagħmluh minn Standard 5.

Kien l-10 ta ġunju 1940 meta Mussolini iddikjara gwerra kontra l-Ingilterra. Malta kienet kolonja Ingliża u allura aħna issa konna fi gwerra ukoll. Ta' tfal li konnha ma kellniex idea xi tfisser gwerra. Pero ftit tal-jiem qabel kienu jiġu suldati fuq trakkijiet u jieqfu l`hawn u l`hemm. Fuqhom kien ikollhom radjijiet u kienu joqgħodu jisimgħu l-ordnijiet li kienu jtuhom mill-Kwartieri tagħhom, jew jikkomunikaw ma sħabhom x'imkien il-bogħod. ħad-Dingli kien hawn biss tlieta minn nies li kellhom radju, fosthom is-Sir ġużu Bonello ta` Lelin. Fuqu jien smajt lil Mussolini jiddikjara il-gwerra. Fuq it-televixin daż-żmien kemm-il darba ġie li rajna din ix-xena minn ġo Pjazzza Venezja f`Ruma. Infatti kien hemm xi Maltin li kienu iridu lil Malta tkun taħt l-Italja u għamlu kartellun kbir li rajnieh fix-xena fuq it-televixin, u kien fih il-kelma Malta. Kienu qaluli li f`dik il-lejla raw lil Mabel Strickland iddur u tħuf ma` ħad-Dingli biex torganizza l-ARP (Air Raid Precautions). Dawn kienu voluntiera biex jgħinu lin-nies f`dak li jista' jinqala f`kas ta` gwerra. Kien filgħaxija u se jidlam x'ħin ġara dan u morna norqdu. Jien irqadt ta` tifel li kont imma nista' naħseb x`għadda minn moħħ ommi u missieri f`dak il-lejl. Missieri kien jaħdem bħala Instructer fl-iskola teknika tal-ħamrun, fejn kien hemm stazzjon tal-ferrovija, u kien jgħallem il-*welding* fl-art u taħt il-baħar, għax kienbugħaddas ukoll. Missieri kien xuffier tal-ferrovija li waqfet taħdem fl-1931.



*Ix-Xelter li jinsab taħt l-iskola primarja ta' Ħad-Dingli*

Naturalment missieri kellu jmur għax-xogħol filgħodu u kien se jkun qrib il-port. ħad-Dingli ma kienx xi target tal-gwerra bħalma kienu l-port, speċjalment it-Tarzna. Imma missieri mar għax-xogħol bħal ma mar tista tgħid kulħadd. ħad-Dingli kellu ħafna ħaddiema t-Tarzna u kienet titlaq *private* kuljum mimlija ħaddiema għat-tarzna. ħafna kienu appredisti ta` sengħa kbira.

Mela sebaħ filgħodu, l-11 ta` ġunju. Mas-sebgħa ta` filgħodu kellna l-ewwel attakk mill-ajru. L-avviż ta` attakk mill-ajru kien isir billi l-pulizija kienet iddoqq is-sirena li kienet tinstema mill-bogħod ħafna.

Fejn taħsbu li attakkaw? Iva, t-Tarzna. ħad-Dingli messitu x-xorti ħażina li wieħed Bormliż li kien miżżewweġ Dinglija, u kien joqgħod ħad-Dingli sefa maqtul bl-ewwel bombi li waqgħu. Kienu jgħidulu il-Bormliż għax kien minn Bormla. Tistgħu taħsbu kif kien issummat kulħadd. Din gwerra ta` veru, qatlulna l-ewwel Dingli.

Lill-familja tagħna n-nannu offrielna biex immorru norqdu fl-għar li kellu fl-għalqa tiegħu l-Andar fi Sqaq Santa Tereża, u morna mal-kuġini kollha, konna 8 familji. Min kellu għar mar joqgħod fih. L-għerien ta` mal-irdum malajr intlew. Wara ftit bdew jgħidulna biex noqogħdu taħt it-taraġ waqt l-attakki mill-għajru. Imbagħad bdew iqassmu seratizzi u twavel biex isir ilqugħ taħt ix-xorok ħalli ma jibqgħux neżlin fuqek jekk tiġi bomba. Kien kollu bżar fl-għajnejn u biex iżommu il-moral tal-polplu għoli.

Bil-mod il-mod in-nies bdiet tidra. Pero l-gvern ħaseb biex jibda tħaffir ta' xelters pubbliċi li kollha kien fihom żewġ daħliet. L-ewwel xelter li sar kien sar fil-pjazza ta` quddiem fejn illum hemm il-każin Nazzjonalista. Dan kien imħaffer qisu trinka wiesgħa u nieżel qampiena. Kien twil xi sittax-il metru u wiesgħa erba' metri. Fuq kien dejjaq u bħala saqaf għamlulu travi taz-zkuk ħoxnin wieħed ħdejn wieħed, u fuqhom tefgħu l-materjal ta xaħx u ġebel li inqatgħu minnu. Kien aħjar milli toqgħod fid-dar taħt ix-xorok u t-twavel. L-iskejjel ġew magħluqa kollha.

Gara fenominu li gerfex il-ħajja normali ta` kulħadd. Bdew ġejjin ir-refuġjati min naħa ta` isfel. Dawk li kienu joqogħdu ġot-tlett ibliet u Raħal ġdid bdew iħallu djarhom u jitilgħu 'l fuq lejn ħad-Dingli u r-Rabat. Insomma bogħod kemm jista jkun mill-Port. ħafna kienu l-familji li daħħlu familja oħra magħhom ġo xi karma żejda li kellhom id-dar. Naturalment bil-kera. ħad-Dingli ġew madwar 3000 ruħ. Filli konna xi 1900 popolazzjoni filli sirna mal-ħames t`elef (5000),

aktar mill-popolazzjoni tal-lum. Il-ħajja inqalbet ta` taħt fuq. L-iskola inbidlet f`post għar-refuġjati. Kull klassi inqasmet f`erba' kmamar zgħar fejn tpoġġew 4 familji. Attakki mill-ajru ma naqsux. L-ajruplani Taljani kienu jiġu fil-għoli u jitfgħu l-bombi minn hemm. Dan biex ma jintlaqtux mill-kanuni tagħna li malajr xterdu ma` Malta kollha. Ħad-Dingli kellna wieħed zgħir jgħidulu Bofors, li kien qiegħed fejn ta` Trenta. Kien jispara bil-lejl biss biex ma jikxifx il-posizzjoni tiegħu u jekk l-ajruplan tal-għadu kien ikun baxx għax ma kienx iwassal. Kien importanti li Ħad-Dingli ma jisparax biex ma jgħatix fil-għajn, infatti malajr intlejna suldati. Il-wied li hemm wara d-djar ta` triq il-Għajn kien kollu siġar taż-żebbuġ u taħthom kien kollu tined tas-suldati Ingliżi tad-D.L.I. (Durham Light Infantry). Fejn San Pawl kien hemm Tar-Royal Altillery u t-Turetta kienet mimlija b`nies tan-navy. Kien hemm nies tan-navy ukoll fejn hemm dawk iż-żewġ djar qabel is-sqaq tar-Russu. Ta` Psaigon kien f`idejn in-Navy ukoll.

Sadanittant bdew jitħaffru ix-xelters. Kien hemm madwar 11-il xelter fil-blat li kienu jinżlu xi għoxrin pied. L-ebda bomba ta` dak iż-żmien ma kienet tinfidhom. Kollha kellhom tliet kisriet fit-taraġ biex ir-riħ tal-bomba ma jinżilx isfel, u kellhom żewġ ħruġ jew tlieta. Kienu kollha fihom kuridur wiesgħa isfel fejn kulħadd kien iniżżel saqqu tat-tiben u kutra biex jorqgħod fuqu bil-lejl. Kważi ħadd ma kien jissogra jorqgħod f`darhu. Ħafna kienu li ħaffru kamra fil-ġenb tal-kuridur biex ikollohom kamra tagħhom. Kulħadd kien iniżżel il-vaż miegħu biex jkollu fejn jinqeda bil-lejl u ma jkollux għal fejn jitla fuq. Maż-żmien l-affarijiet bdew joqgħodu u l-iskola reġgħet fetħet ftit. Kellna klassi f`San Duminka, klassi fid-dar quddiem il-bieb ta l-iskola, u oħra f`dar fejn kien il-M.U.S.E.U.M. quddiem il-knisja. Malli l-iskola kienet tbattlet mir-refuġjati tħaffer xelter kbir li kien fih ħames kmmar kbar li jesgħu it-tfal kollha. F`kull klassi fejn it- tieqa kien ikun hemm fliexken tal-linka zgħar mimlijin pitroju bl-għatu mtaqqab li mit-toqba kienet ħierġa niċċa. Konna ngħidulu Niċu. Malli ddoqq is-sirena għall-attakk mill-ajru kull tifel u tifla jiġbor Niċu u ninżlu lejn ix-xelter. Malli niġu biex niksru l-ewwel kisra tifel kien jixhel Niċu u kulħadd iqabbad minnu. Nibqgħu neżlin u fl-art kien ikun hemm ħafna kaxxi tal-injam. Noqgħodu bilqiegħda fuqhom u nkomplu bil-lezzjoni qiesna fuq. Imn`Alla kien hekk għax dik is-sena kelli l-eżami tal-Lyceum.

Insomma saret ħajja totalment differenti bit-taħlit kollu fil-ħajja soċjali li wieħed jistenna meta kulturi differenti bħal ma kellhom ir-refuġjati u d-Dinglin jitħalltu flimkien. In-nies baqgħu nies u il-ġibdiet naturali baqgħu hemm. Għażla kien hemm iżjed. Is-suldati saru parti mill-familja Dinglija għax ma kienux jiċaqilqu minn hemm jekk mhux fuq xi taħriġ kultant. Ingliżi fis-sakra filgħaxija ma kinux neqsin. Pero kollox ma kollox ma ġrawx traġedji soċjali, forsi għax kien hemm għadu ikbar li ridna nieħdu ħsieb. Din kienet il-gwerra.



In-Niċu

Fil-Każin tal-Banda kien joqgħod it-tabib Randon. Kienu ġew joqgħodu Ħad-Dingli refuġjati sinjuri kbar bħal ta` Torreġiani u l-barunessi Inguanes f`dar il-Bniet, fost oħrajn. Dawn kienu jingabru fil-ħamsa ta` wara nofsinhar ħdejn l-għassa biex jisimgħu l-aħbarijiet tal-BBC għax hemm kien hemm *loudspeaker* li kien ixandar l-aħbarijiet. Jien kont inkun magħhom biex nisma. Nifhem kelma llum u kelma għada u tgħallimt l-ingliż f`kemm ili ngħidlek, u dejjem ġibt l-aqwa marki f`dik il-lingwa. Kont inżomm ruħi infurmat b`dak kollu li kien qed iseħħ fid-dinja tal-gwerra mondjali.

Il-gwerra bdiet tiqliel u issa peress li l-ġermaniżi niżlu isfel fi Sqallija u ġabu magħhom forza ta` ajruplani ta` l-ajru tremenda, bdew jattawkawna lejl u nhar. Riedu jkissru lil Malta għax kellhom l-armata tagħhom tiġġieled mal-Ingliżi bejn il-Libja u l-Eġittu. Il-Libja kienet taħt it-Taljani u l-Eġittu kien taħt l-Ingliżi. Malta kienet xewka fuq l-vapuri ġermaniżi li kienu qed jieħdu l-proviżjoni tal-gwerra lejn it-truppi ta` Rommel fil- Libja. Kienet ġa kważi miktuba li l-ġermaniżi jinvadu lil Malta. Ikel Malta ma kienx dieħel għax kull vapur li ġej Malta kienu jgħarquh bis-sottomarini ġermniżi li kien hawn fil-Mediterran. Il-poplu ma kellux x`jiekol. Peress li Ħad-Dingli kien raħal li kellu ħafna biedja, allura kellu aktar ikel bħal ħaxix u patata u frott fis-sajf. Il-patata kienet tinbiegħ għal aktar minn €1 l-kilo (tlett ijiem paga) jekk issib. Il-ħobż kien bir-razzjon u kull persuna kellha biss 300 gramma ħobż kuljum. Bagħtejna ħafna ġuħ. Għaġin xejn. Patata xejn għax ma konniex nifilħu nixtruha. Missieri kellu biss €0.35 paga kuljum, li kienet il-paga normali li biha konna ngħixu fi żminijiet normali imma mhux fi żminijiet bħal dawk. Dan il-ġuħ ħoloq problema ta` saħħa. Peress li l-poplu kien nieqes mill-vitamina Ċ il-marda tal-ħakk ħadet ma kwazi kull persuna. Din il-marda tibda tħokk ma ġismek kollu u jitigħulek ħafna ponot zgħar ma' ġismek kollu. Tal-familja tagħna ma qabditniex, naħseb għax missieri kien imur iġibilna zkuk tal-pastard milli kien iħalli kuġinuh fl-għalqa wara li jaqta' l-pastard. Kien iqaxxarulna u nieklu tan-nofs biex forsi jkollna xi ħaġa fl-istonku. żgur li kien fihom ħafna Vitamina Ċ. ħarrubu kien iqum sold, igifieri 6.6% tal-paga ta' missieri. Bħal ma konna aħna kienu l-familji kollha l-oħra.

**TMIEM L-EWWEL PARTI**

***It-tieni parti ser tiġi ppubblikata fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.***